MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Numru 848/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Caruana**
**V**

**MARIO SCHEMBRI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARIO SCHEMBRI** ta' tmienja w tletin sena bin Frans u Veronica nee Mifsud, imwieled Haz Zabbar nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 1965 u residenti 85, Flat 1, Triq ix-Xghajra, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 502265M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Tal Handaq, limiti ta' Hal Qormi, nhar d-disgha w ghoxrin ta' Serttembru 2003 ghall-habta tad-disgha w nofs ta'filghaxija ikkommetta serq ta' mobile phone liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccidix l-elf lira maltin, bil-persuna, bil-lok, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Stjano Agius u talli sar hati ta' reat meta bhala ufficjal jew impjegat pubbliku kellu

jissorvelja biex dan ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kjellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2003 esibit fl-atti markat bhala dokument AC 1 sabiex dawn il-proceduri jitmexxew bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuza ta' serq salv ghal dik tal-valur kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tnax ta' Dicembru 2003, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti hasset il-htiega li tinnomina espert sabiex jaghti stima u valur tal-mobile phone esibit f'dawn il-proceduri u nhar s-sittax ta' Dicembru 2003 l-ismemmi espert n-Nutar Dottor Stephen Farrugia Sacco ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li tinsab mmarkata bhala bhala dokument SFS.

Illi minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-valur ta' dan il-mobile phone fl-istat li rah huwa kien ta' cirka mija u hmistax il-lira maltin.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena s-segwenti:

1. Il-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti bhala dokument CSH 1, liema fedina penali hija ndellibbli bla ebda tebgha ta' reat jew konravenzjoni registrata fuqha;

2. L-istqarrija tal-imputat rilaxxjata minnu nhar t-tletin ta' Settembru 2003 esibita fl-atti markata bhala dokument AC minn fejn jirrizulta l-kolloborazzjoni tieghu mal-Pulizija Ezekuttiva;
3. Illi l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputat f'dawn il-proceduri gew inizjati a bazi tal-ammissjoni tieghu stess waqt li rrilaxxja l-istqarrija tieghu esibita f'dawn l-atti markata bhala dokument AC kif del resto stqarr l-Ufficjal Prosekutur;
4. Il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u sussegwentement tul il-proceduri l-Qorti u ghalhekk ma nhela ebda hin pressjuz tal-Qorti, u li ghalkemm ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem jew b'xi forma ta' dritt jew attendibilita ssarraf f'riduzzjoni fil-piena, ir-regolamenti generali jghidu li imputat ghandu jibbenefika minn skont fil-piena;
5. Il-fatt li r-res furtiva giet ritornata lil sidha legittimu.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li dawn ic-cirkostanzi specjali fuq imsemmija kollha huma ragunijiet validi ghall-mitigazzjoni fil-piena fil-konfront tal-imputat odjern.

Il-Qorti thoss li l-piena idoneja f'dawn c-cirkostanzi ghandha tkun wahda pecunjarja bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261( c)(d)(e)(g), 268, 269, 270, 271, 279, 280 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat MARIO SCHEMBRI hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tlett mitt lira maltin.**

**Ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed taghti l-fakulta` lill-imputat sabiex ihallas il-multa inflitta f’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin lira maltin bl-ewwel pagament huwa dovut sa mhux aktar tard hmistax ta' Jannar 2004.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------